

It-Tlieta 15 ta' Ġunju 2010

**Network ferrovarjarju Ewropew għat-trasport  
tal-merkanzija kompetittiv \*\*\*II**

P7\_TA(2010)0203

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Ġunju 2010 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għall-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar network ferrovarjarju Ewropew għat-trasport ta' merkanzija kompetittiv (11069/5/2009 – C7-0043/2010 – 2008/0247(COD))**

(2011/C 236 E/37)

(Proċedura leġislattiva ordinarja: it-tieni qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill (11069/5/2009 – C7-0043/2010),
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2008)0852),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 71(1) tat-Trattat KE, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0509/2008),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-isem "Konsegwenzi tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona dwar il-proċeduri interistituzzjonali ta' teħid ta' deċiżjonijiet li għadejjin bħalissa" (COM(2009)0665),
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294 (7) u l-Artikolu 91(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew <sup>(2)</sup>,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni <sup>(3)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 66 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0162/2010),

1. Jadotta l-pożizzjoni fit-tieni qari li tidher hawn taħt;
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

<sup>(1)</sup> Testi adottati, 23.4.2009, P6\_TA(2009)0285.

<sup>(2)</sup> ĠU C 317, 23.12.2009, p. 94.

<sup>(3)</sup> ĠU C 79, 27.3.2010, p. 45.

**P7\_TC2-COD(2008)0247**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-tieni qari fil-15 ta' Ġunju 2010 bil-ksieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) .../2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar network ferrovarjarju Ewropew għat-trasport ta' merkanzija kompetittiv**

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 913/2010.)